**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 207/19 CZ**

**'The Performing Right Society Limited' Reg. No. 00134396**

**vs.**

**C.I.5. Company Ltd. C 18801**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-7 t'Awwissu 2019 fejn premettiet:

Is-socjeta' attrici qieghda titlob:

Is-somma dovuta ta' erba' mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u tletin centezmu (€453.32) rapprezentanti l-bilanc dovut ghall-licenzji bl-OAS Reference No. MAL 90351 tal-uzu tal-muzika gewwa l-istabbilimenti tas-socjeta' konvenuta.

L-ammont reklamat jirrizulta mill-fatturi relevanti annessi (Dok. A) u jikkostitwixxi dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta' konvenuta.

L-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv , izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti [sic].

L-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali annessa (Dok. 'B').

Minkejja li s-socjeta' konvenuta giet diversi drabi interpellata mis-socjeta' attrici sabiex thallas dan il-bilanc, baqghet inadempjenti.

Is-socjeta' konvenuta hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u tletin centezmu (€453.32) bl-imghaxijiet legali kif mitluba, u cioe' mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur